

# Il-Blue Badge

# Il-Gwida Tiegħek




## X'inhi l-Blue Badge?

Il-Blue Badge hija dokument legali li jippermetti lil persuni b'diżabilità (detenturi ta' Blue Badge) jipparkjaw il-vettura li jkunu qed jivvjaġġaw fiha, fi spazji ta' parkeġġ assenjati minħabba diżabilità.

F'Malta u Għawdex, il-Blue Badge tinħareġ minn Aġenzija Sapport. L-Unità tal-Infurzar tas-CRPD għandha l-kompitu li trażżan l-abbuż u l-użu ħażin.

## Responsabilitajiet ta' detentur ta' Blue Badge

Li tkun detentur ta' Blue Badge tiġi b'sett ta' drittijiet u responsabilitajiet kif stipulat fil-liġi.

Il-Blue Badge hija strettament għal użu personali. Il-Blue Badge mhix trasferibbli u dejjem trid tkun fil-pussess tad-detentur. Il-Blue Badge hija dokument legali; għalhekk, huwa pprojbit li tiġi kkupjata, duplikata, innegozjata jew immodifikata.

L-użu ħażin ta' Blue Badge huwa reat kriminali, li jġorr penali bħal multi li jvarjaw bejn €230 u €500; iż-żieda ta' tliet punti ta' penali mal-liċenzja tas-sewqan u l-konfiska tal-badge.

## Min jista' juża l-Blue Badge?

Id-detentur tal-Blue Badge biss huwa awtorizzat jużaha. Din għandha tintwera fuq id-dashboard tal-vettura.

## Fatti oħra dwar il-Blue Badge

Il-Blue Badge ma teżentax lid-detentur milli jsegwi u jikkonforma mar-regolamenti kollha tal-Kodiċi tat-Triq.

Id-detentur tal-Blue Badge jista' ma jkunx is-sewwieq.

## Hija illegali li tuża Blue Badge skaduta

L-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-Blue Badge għandhom jiġu sottomessi lil Aġenzija Sapport mill-inqas tliet (3) xhur qabel tiskadi l-badge.

Meta jiġi nieqes id-detentur tal-Blue Badge, il-badge immedjatament issir invalida.

Il-qarib, il-kustodju legali, il-carer jew il-koabitanti tad-detentur għandhom jirritornaw il-badge minnufih lil Aġenzija Sapport. Fin-nuqqas ta' dan, il-Pulizija għandha tiġi nnotifikata u mitluba tiġbor il-Blue Badge.

## Kif turi l-badge

Meta tipparkja fi blue bays, il-Blue Badge trid tkun viżibbli b'mod ċar mill-windscreen ta' quddiem tal-vettura. Din trid tintwera fuq id-dashboard bid-dettalji tad-detentur jħarsu 'l barra u r-ritratt iħares 'il ġewwa.

Id-detentur għandu jiżgura wkoll li d-dettalji fuq quddiem tal-badge jibqgħu jinqraw. Jekk il-badge ma tibqax tinqara minħabba li tkun iċċarat jew tkagħbret bl-użu, id-detentur għandu jibdilha għand Aġenzija Sapport. Il-wiri ta' badge li ma tinqarax jista' jirriżulta f'multa.

## Telf jew serq ta' Blue Badge

Jekk Blue Badge tinsteraq jew tintilef, id-detentur għandu jippreżenta rapport tal-pulizija jew jagħmel affidavit u jippreżentah lil Aġenzija Sapport għal sostituzzjoni. Il-validità tal-badge tibqa' l-istess matul dan il-proċess.

Il-Blue Badges għandhom ologrammi tas-sigurtà, li jagħmlu d-dokumenti kontrafatti faċilment rikonoxxibbli.

## Setgħa li jispezzjonaw u jżommu l-badge

Uffiċjali tal-Pulizija għandhom l-awtorità li jispezzjonaw il-Blue Badges. Jekk mitlub, inti legalment meħtieġ turihom il-badge tiegħek. Detenturi tal-Blue Badge jistgħu jiġu mmultati bejn €230 u €500 jekk jonqsu milli jagħmlu dan.

## Meta għandek tirritorna l-badge

Id-detentur tal-Blue Badge għandu jirritorna l-badge personalment lil Aġenzija Sapport jekk:

- din tkun skadiet;
- il-kundizzjoni medika jew il-mobilità tad-detentur titjieb b'mod sinifikanti;
- id-detentur tal-Blue Badge m'għadux mobbli (bedridden), għalhekk, il-badge mhijiex qed tiġi utilizzata mid-detentur;
- il-Blue Badge tad-detentur ġiet irrappurtata lill-pulizija bħala mitlufa jew misruqa u mbagħad instabet. Id-detentur għandu jirritorna l-Blue Badge oriġinali u jżomm il-badge ta' sostituzzjoni.

## L-Irwol tat-Taqsima tal-Infurzar tas-CRPD

It-Taqsima tal-Infurzar tas-CRPD tipprovdi preżenza fil-komunità, infurzar legali, twettaq spezzjonijiet u tgħin fit-trażżin tal-abbuż u l-użu ħażin tal-Blue Badge.

Barra minn hekk, tipprovdi taħriġ fl-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati għal kadetti ġodda tal-uffiċjali tal-pulizija u kuntistabbli tal-pulizija li jkunu qed isegwu kors li jwassal għall-promozzjoni għal surġenti tal-pulizija. Is-CRPD tagħti wkoll taħriġ lill-kuntistabbli li qed jiġu trasferiti lit-Tim tal-Pulizija tal-Komunità u lir-rekluti tal-pulizija, kif ukoll taħriġ għal Uffiċjali Komunitarji ġodda fi ħdan il-LESA.

L-unità twettaq ukoll verifiki interni biex jiġi żgurat li r-reġistru tal-Blue Badge jġorr id-data valida u affidabbli.

## Dettalji utli ta' kuntatt:

- Biex tapplika għal Blue Badge, ikkuntattja lil Aġenzija Sapport:
  Freephone Servizz.gov 153 (ext. 05)
  sapport.gov.mt

- Biex tapplika għal Parkeġġ Riservat Personalizzat, niżżel il-formola tal-applikazzjoni mill-websajt ta' Transport Malta: transport.gov.mt

- Biex tirrapporta abbuż ta' Blue Badge, bħal badges skaduti jew foloz, ikkuntattja l-Unità tal-Infurzar tas-CRPD:
  enforcement@crpd.org.mt jew
  9975 8043

- Biex tirrapporta abbużi oħra, bħal parking fi blue bay mingħajr Blue Badge, ikkuntattja
  lill-Pulizija: 2122 4001
  LESA: 2347 7400

CRPD

AĠENZIJA SAPPORT